Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta ta' l-24 ta' Mejju, 2012

Mandat Numru. 681/2012/1

**Fl-atti tar-rikors ghall-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni Numru 681/2012 JZM fl-ismijiet :**

**Betco Holdings Limited (C-34032)**

***kontra***

**L-Awtorita` dwar il-Lotteriji u l-Loghob u l-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u l-Investiment**

**Il-Qorti :**

**I. <u>Preliminari</u>**

Rat ir-rikors prezentat mir-rikorrenti fis-16 ta` Mejju 2012 fejn, ghar-ragunijiet hemm indikati u konfermati bil-gurament minn Johann Schembri ghall-istess kumpannija rikorrenti, talbet lil din il-Qorti sabiex izzomm lill-intimati –

*milli huma jew min minnhom, tramite l-Privatisation Unit jew b`xi mod iehor, jassenjaw licenzja u/jew jidhlu f` "Concession Agreement" u/jew jidhlu fi kwalunkwe arrangament kuntrattwali iehor li bih is-socjeta` Maltco Lotteries Limited (C32326) tinghata licenzja u/jew koncessjoni u/jew kwalunkwe dritt li bih l-istess Maltco Lotteries Limited tinghata esklussivita` fuq loghob li mhux inkluz fid-definizzjoni ta` "National Lottery Games" skond id-dokument imsejjah "Call for Tenders – Concession for the Rights of the National Lottery of Malta" ippubblikat mill-Gvern ta` Malta fl-24 ta` Ottubru 2011 u/jew li tinghata kwalsiasi drittijiet li jmorru kontra u/jew oltre t-termini stabbilitiu fil-kajrifiki provduti mill-Privatisation Unit fit-2 ta` Dicembru 2011 in segwitu ghad-domandi li saru minn persuni interessati f`din il-koncessjoni, liema talbiet ghandhom jintlaqghu provizorjament fuq ir-rikors ex parte u jigu kkonfermati sussegwentement minn din il-Qorti skond il-ligi.*

Rat l-istqarrija tal-fatti kif esposti mill-kumpannija rikorrenti.

Rat id-digriet taghha tas-16 ta` Mejju 2012 li bih laqghet it-talba tar-rikorrenti provvizorjament, ordnat in-notifika tal-atti lill-intimati bi zmien ghaxart ijiem biex iwiegbu, u fejn appuntat ir-rikors ghas-smigh ghall-udjenza tal-31 ta` Mejju 2011 fid-9.15 a.m.

Rat li l-Awtorita` intimata kienet debitament notifikata fis-16 ta` Mejju 2012 waqt li l-Ministru intimat kien notifikat fis-17 ta` Mejju 2012.

Rat id-digriet taghha tas-17 ta` Mejju 2012 fejn, wara talba mill-Awtorita` intimata, irrikjamat is-smigh tar-rikors ghall-udjenza tat-22 ta` Mejju 2012 fid-9.00 a.m. (minflok fil-31 ta` Mejju 2012 fid-9.15 a.m.) u fejn abbrevjat iz-zmien ghall-intimati li jipprezentaw risposta sat-18 ta` Mejju 2012 fit-3.00 p.m.

Rat ir-risposta tal-intimati flimkien li kienet prezentata fit-18 ta` Mejju 2012 fejn, ghar-ragunijiet hemm indikati, talbu lil din il-Qorti sabiex tichad it-talba tar-rikorrenti.

Rat id-dokumenti li kienu esebiti mar-risposta tal-intimati.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-22 ta` Mejju 2012.

Semghet id-deposizzjoni tal-Onor. Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u l-Investiment u ta` Reuben Portanier fl-udjenza tat-22 ta` Mejju 2012.

Semghet is-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-partijiet fl-istess udjenza

.
Rat id-digriet taghha moghti fl-istess udjenza fejn halliet ir-rikors sabiex jigi dekretat kameralment.

**Ikkunsidrat :**

**II. Provi**

Fis-sottomissjonijiet finali tieghu, id-difensur tar-rikorrenti qal illi l-iskop tat-talba ghall-hrug tal-mandat ma kienx li jwaqqaf il-process ta' l-assenjazzjoni tal-licenzja izda kien illi jassikura illi ma ssir l-ebda assenjazzjoni li tmur oltre jew kontra t-termini ta' l-*"Call for Tenders – Concession for the Rights of the National Lottery of Malta"* u tal-karifikazzjonijiet illi segwew u li kienu intizi sabiex jaghmlu aktar car dak illi kien hemm miktub fil-*Call for Tenders.*

Huwa bhala fatt ippruvat illi fil-koncessjoni precedenti u cioe` dik li kienet fis-sehh qabel il-hrug tal-*"Call for Tenders – Concession for the Rights of the National Lottery of Malta"* fejn il-kumpannija Maltco Limited inghazlet bhala l-*preferred bidder*, kien hemm esklussivita' prattikament fil-loghob nazzjonali kollu li kien definit u cioe` is-Super Five, il-Lotterija Nazzjonali (li m`ghadhiex issir), il-Lottu u l-*betting.* Fit-*tender* il-gdida, l-ghoti tal-licenzja kienet sejra tinbidel fis-sens illi kienet sejra tkun esklussiva biss fuq tliet loghob u cioe` is-Super Five, il-Lotterija Nazzjonali u l-Lottu. Kien se jkun permess lill-operatur li jaghmel il-*betting* pero` mhux b`mod esklussiv.

Fid-deposizzjoni tieghu, l-Onor. Tonio Fenech, Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u l-Investiment xehed illi l-licenzja ma kenitx negozjabbli. Ma kien hemm l-ebda intenzjoni, diretta jew indiretta, illi tinghata xi esklussivita` lill-operatur oltre is-Super Five, il-Lotterija Nazzjonali u l-Lottu.

Dwar il-pern tal-kwistjoni li wasslet lil Betco Holdings Limited biex tipprezenta r-rikors taghha, l-Onor Tonio Fenech, Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u l-Investiment xehed hekk –

*Dr. Simon Schembri : It-tieni parti tal-mandat, il-licenzja jew il-concession agreement li ha tiffirmaw kif*

*ghedt mal-Maltco, jipprevedi klawsoli li jmorru kuntrarju jew oltre l-kjarifikazzjonijiet li kienet tat il-privatisation unit fit-2 ta' Dicembru 2011 ?*

*Xhud* **:** *Assolutament le.*

Dwar il-kwistjoni centrali tal-esklussivita`, Reuben Portanier, Kap Ekekuttiv tal-Awtorita` intimata, xehed hekk –

*Dr. Simon Schembri : Mela Sur Portanier, tista` tikkonferma li l-licenzja u l-koncessjoni li ha jinghataw lil Maltco ma jipprovdux esklussivita` fuq loghob ili hu differenti mil-loghob definit taht national lottery games taht il-calls for tenders li hareg fl-24 ta` Ottubru 2011 ?*

*Xhud : Skond il-licenzja li ha tohrog, l-esklussivita` ha tkun fuq tliet loghbiet biss.*

U cioe` *in-national lottery, is-super 5 u l-lottu.*

Il-bqija tal-loghob mhux se jkun esklussiv.

Dwar il-kondizzjonijiet tal-licenja, ix-xhud kien mistoqsi hekk –

*Dr. Simon Schembri : Il-koncessjoni jew il-licenzja tipprevedi xi kondizzjonijiet li jmorru kuntrarju jew oltre dak li hemm fit-tender innifsu fil-kjarifiki li kienet harget il-privatistion unit fit-2 ta1 Dicembru 2011 ?*

Ix-xhud wiegeb hekk –

*Il-licenzja tirrifletti dak li kien hemm miktub fil-concession, fil-call fo tenders.*

Dwar il-kjarifiki, ix-xhdud kien mistoqsi hekk specifikament –

*Dr. Simon Schembri : Intom hrigtu dokument li huwa l-clarifications li fih kwazi mitejn domanda, u risposti ghalihom, jekk ir-risposti humiex ser jigu riflessi precizament u fedelment fil-licenzja u fil-concession agreement ?*

Huwa wiegeb hekk –

*Xhud : Il-mod ta` kif gie kostruwit il-licenzja biex jinghata l-licenzja lir-rebbieh jirrifletti b`mod car dak li kien hemm fit-tender document. Issa jekk il-kelma tkun kelma differenti, imma l-principju huwa l-istess.*

**Ikkunsidrat :**

**III. <u>Dritt</u>**

Skond l-**<u>Art.873(1) tal-Kap.12</u>** –

*L-iskop tal-Mandat ta' Inibizzjoni huwa li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tista' tkun ta' pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat.*

Il-generalita` tal-kazi huma regolati bl-**<u>Art.873(2) tal-Kap.12</u>** li jaqra hekk –

*Il-Qorti **<u>m'ghandhiex</u>** tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent 'prima facie' jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.* (sottolinear u enfasi tal-qorti)

Fejn it-talba ghall-hrug tal-Mandat tkun qeghda ssir kontra l-Gvern inkella kontra xi awtorita' mwaqqfa bil-

Kostituzzjoni nkella kontra xi persuna b'kariga pubblika fil-kariga ufficjali taghha, (bhal ma huwa l-kaz tal-lum), iridu jigu sodisfatti r-rekwiziti tal-**Art.873(3) tal-Kap.12.**

Din id-disposizzjoni taqra hekk –

*Il-qorti* ***m'ghandha tohrog ebda mandat*** *bhal dak kontra l-Gvern jew awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga ufficjali taghha kemm-il darba l-awtorità jew il-persuna li kontra taghha jintalab il-mandat ma tikkonfermax fil-qorti bil-miftuh li l-haga li qed tintalab li tigi mizmuma tkun fil-fatt mahsuba li ssir, u l-qorti tkun sodisfatta, wara li tisma' l-ispjegazzjonijiet moghtija, li kemm-il darba ma jinharigx il-mandat, il-pregudizzju li jinholoq lil min ikun qed jitlob il-mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel mal-istess ghemil tal-haga li qed tintalab li tigi mizmuma.* (sottolinear u enfasi tal-qorti).

Huwa ben evidenti li r-rekwiziti sabiex tintlaqa` t-talba ghall-hrug tal-Mandat huma stretti u l-qorti hija prekluza (***m`ghandhiex***) tordna l-hrug tal-Mandat jekk ma jkunux sodisfatti r-rekwiziti **kollha.**

**Ikkunsidrat :**

## IV. Risultanzi

Fir-rikors, Betco Holdings Limited qeghda titlob li l-Mandat johrog sabiex jolqot **zewg** sitwazzjonijiet.

**Fl-ewwel lok**, qeghda titlob illi l-intimati jew min minnhom ma jassenjawx *licenzja u/jew jidhlu f` "Concession Agreement" u/jew jidhlu fi kwalunkwe arrangament kuntrattwali iehor li bih is-socjeta` Maltco Lotteries Limited (C32326) tinghata licenzja u/jew*

*koncessjoni u/jew kwalunkwe dritt li bih l-istess Maltco Lotteries Limited tinghata esklussivita` fuq loghob li mhux inkluz fid-definizzjoni ta` "National Lottery Games" skond id-dokument imsejjah "Call for Tenders – Concession for the Rights of the National Lottery of Malta" ippubblikat mill-Gvern ta` Malta fl-24 ta` Ottubru 2011.*

It-twegiba guramentata *viva voce* ghal din it-talba kemm ta` l-Onor. Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u l-Investiment kif ukoll tal-Kap. Ezekuttiv tal-Awtorita` intimata kienet cara u inekwivoka u cioe` illi bil-licenzja Maltco Lotteries Limited kienet sejra tinghata esklussivita` fil-kaz biss ta` tliet lotteriji u cioe` is-Super Five, il-Lotterija Nazzjonali u l-Lottu. Il-loghob l-iehor inkluz il-*betting* ma kienx se jkun esklussiv.

Mela fil-kaz tal-ewwel sitwazzjoni, ma tirrizultax il-konferma, kif irid l-Art.873(3) tal-Kap.12, illi *li l-haga li qed tintalab li tigi mizmuma tkun fil-fatt mahsuba li ssir*. Infatti rrizulta b`mod car u kristallin illi l-intimati ma kienux sejrin jaghtu lil Maltco Lotteries Limited licenzja, koncessjoni jew dritt esklussiv fuq loghob li ma kienx inkluz fid-definizzjoni ta` *"National Lottery Games"* skond il-*"Call for Tenders – Concession for the Rights of the National Lottery of Malta"* tal-24 ta` Ottubru 2011.

**Fit-tieni lok**, qeghda titlob illi l-intimati jew min minnhom ma jaghtu l-ebda drittijiet *li jmorru kontra u/jew oltre t-termini stabbiliti fil-kjarifiki provduti mill-Privatisation Unit fit-2 ta` Dicembru 2011 in segwitu ghad-domandi li saru minn persuni interessati f`din il-koncessjoni.*

Anke f`dan il-kaz, it-twegiba guramentata *viva voce* ghal din it-talba kemm ta` l-Onor. Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u l-Investiment kif ukoll tal-Kap. Ezekuttiv tal-Awtorita` intimata kienet cara u inekwivoka fis-sens illi l-licenzja ta` Maltco Lotteries Limited kienet sejra tirrifletti kemm it-*tender document* kif ukoll il-kjarifiki. U ghalhekk ben evidenti illi lanqas f`dan il-kaz ma tirrizulta l-konferma,

kif irid l-Art.873(3) tal-Kap.12, illi *li l-haga li qed tintalab li tigi mizmuma tkun fil-fatt mahsuba li ssir*.

Kwindi **<u>accertata</u>** l-karenza tar-rekwiziti li trid il-ligi ghall-hrug tal-Mandat, it-talbiet tar-rikorrenti qeghdin jigu respinti.

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti –**

**Fl-ewwel lok, qeghda tirrevoka *contrario imperio* d-digriet taghha tas-16 ta` Mejju 2012 fejn kienet laqghet provizorjament t-talbiet tar-rikorrenti ; u**

**Fit-tieni lok, qeghda tichad it-talbiet tar-rikorrenti, bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------